

Digriet tal-Qorti Ĝeneralni tat-13 ta' Frar 2017 – Pipiliagkas vs Il-Kummissjoni(Kawża T-598/16)⁽¹⁾

(“Rikors għal annullament — Servizz pubbliku — Ufficijali — Assenazzjoni — Trasferiment fl-interess tas-servizz — Assenazzjoni mill-ġdid tar-rikorrent — Eżekuzzjoni ta’ sentenza — Proċedura prekontenzjuża — Att li ma jistax jiġi kkontestat — Inammissibbiltà”)

(2017/C 112/52)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Nikolaos Pipiliagkas (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: J.-N. Louis u N. de Montigny, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: C. Berardis-Kayser u G. Gattinara, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikoli 266 u 270 TFUE u ntija għall-annullament, minn naħa, tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma tadottax il-miżuri ta’ eżekuzzjoni tas-sentenza tal-15 ta’ April 2015, Pipiliagkas vs Il-Kummissjoni (F-96/13, EU:F:2015:29), u, min-naħħa l-oħra, tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta’ Diċembru 2015 li tassenja mill-ġdid lir-rikorrent mid-Delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea fix-Xatt tal-Punenet u fl-Istrixxa ta’ Gaża, Ġerusalem tal-Lvant, għad-Direttorat Ġenerali “Mobbiltà u Trasport”.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) Nikolaos Pipiliagkas huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(1) ĴU C 296, 16.8.2016 (kawża inizjalment irreġistrata quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea bin-Numru F-28/16 u ttrasferita quddiem il-Qorti Ĝeneralni tal-Unjoni Ewropea fl-1.9.2016).

Digriet tal-President tal-Qorti Ĝeneralni tas-6 ta' Frar 2017 – Vorarlberger Landes- und Hypothekenbank vs BUR

(Kawża T-645/16 R)

(“Proċeduri għal miżuri provviżorji — Bord Uniku ta’ Riżoluzzjoni — Fond Uniku ta’ Riżoluzzjoni — Kontribuzzjonijiet ex ante — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Nuqqas ta’ urġenza”)

(2017/C 112/53)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Vorarlberger Landes- und Hypothekenbank AG (Bregenz, l-Awstrija) (rappreżentant: G. Eisenberger, avukati)

Konvenut: Il-Bord Uniku ta’ Riżoluzzjoni (BUR) (rappreżentanti: B. Meyring u S. Schelo, avukati)

Suġġett

Talbiet ibbażati fuq l-Artikoli 278 u 279 TFUE u intiżi għall-għoti ta’ miżuri provviżorji intiżi, minn naħħa, għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tas-sessjoni eżekuttiva tal-BUR (SRB/ES/SRF/2016/06) tal-15 ta’ April 2016 dwar il-kontribuzzjonijiet ex ante tal-Fond Uniku ta’ Riżoluzzjoni għas-sena 2016 u, min-naħħa l-oħra, l-ordni, lill-BUR, li tirrimborsa kontribuzzjonijiet ex ante mħallsa mir-rikorrenti.